Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru. 178/2014

Il-Pulizija (Spt. Paul Vassallo)

Vs

*Omissis*

Illum 26 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotta kontra l-imsemmi *Omissis*, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 452269M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn l-ahhar xhur, f'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Novembru, 2006, u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Bi vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-minorenni, *Omissis* ta' sbatax il-sena ta' nazzjonalita' Ingliza, liema delitt sar fuq persuna li ma ghalqitx l-eta ta' tmintax il-sena u li hija axxendent jew dixxendent naturali u liema delitt sar minn axxendent, tutur, jew istitur fuq persuna taht l-etá ta' tmintax il-sena.
2. Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija *Omissis* kontra l-volonta' taghha, liema delitt sar

bhala mezz sabiex hija tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha meta dan ir-reat sar minn membru domestiku;

3. B'eghmil zieni, ikkorrompa persuna taht l-eta u cioe' lil *Omissis*, minorenni ta' sbatax il-sena, liema minorrenni giet fdata lilu, imqar ghal xi zmine, sabiex jiehu hsieba, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha u liema reat gie kommess ukoll b'qerq.

4. B'eghmil zieni, ikkorrompa lil persuna taht l-eta u cioe' lil *Omissis*, minorenni ta' tnax il-sena.

5. Offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuni u r-residenzi taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni involuti u l-familji tatghhom ai termini tal-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' April, 2014, fejn wara li rat l-artikoli 17, 31, 18, 198, 201, 203 u 209 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu tmien snin prigunerija. Il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu minnha.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal zmien tlett (3) snin millum fejn il- persuni protetti huma *Omissis*, *Omissis* u *Omissis*. U dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri il-Qorti ordnat id-divjiet tal-pubblikazzjonji ta' isem *Omissis* u ommha, kif ukoll ta' isem l-imputat u ta' *Omissis* fi kwlunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Il-Qorti wara li rat il-Kap 518 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja tas-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-23 ta' April, 2014, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn ma nstabx hati tat-tieni akkuza u tilliberah, fejn instab hati jigi lliberat u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Illi jidher car li l-verzjoni tal-appellant hija oggettivamnent aktar verosimili minn dak li taw lil *Omissis* u *Omissis*. Ir-rapporti u l-ilmenti minn dawn il-minuri ma kienux immedjati jew vicin mal-fatt. Ir-rapporti ta' *Omissis* bdew meta l-appellant iddecieda li hi tmur lura l-Ingilterra ghand ommha minhabba ragunijiet ta' dixxiplina. Barra minhabb Ms. *Omissis* taghti impressjoni li kienet imprigunata fid-dar tal-appellatn. Din ma kienitx vera. Tant hu hekk siefret lura l-Ingilterra u giet lura, skond il-verzjoni taghha kienet tiffrekwenta bar b'nies ohra.

Illi l-prosekuzzjoni naqset li tipprezenta l-Qorti provi forensici fis-sens li *Omissis* u *Omissis* kienu vergni. M'hemm l-ebda provi medici ta' dawn il-persuni biex jikkonfermaw jekk humiex vergni jew konkluzjonijiet ohra. Din hi prova importanti

ghall-prosekuzzjoni minhabba l-fatt li l-akkuza wahda hija ta' stupru u l-Qorti sabithu hati.

Illi minghajr prosekuzzjoni ghas-suespost, il-piena mhix gustau ekwa kif se jigi trattat fis-smiegh tal-appell.

Ikkunsidrat,

Illi fir-rikors ta'l-appell minnu ipprezentat l-appellanti isejjes il-lanjanza ewlenija fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti billi fil-fehma tieghu ma kellux jinghata piz lix-xhieda tal-minuri *Omissis* u *Omissis* oltre li jikkritika l-fatt illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq provi forensici biex tipprova l-fatti minnha allegati. Dan apparti l-aggravvju solitu marbut mal-*quantum* tal-piena erogata. Matul il-kors tat-trattazzjoni orali, l-appellanti jissolleva aggravvju iehor ta' indoli legali meta jishaq illi fl-ewwel lok fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju l-Avukat Generali ma jikkwalifikax ir-reat ta'l-istupru bl-aggravanti mahsub fl-artikolu 202(b) tal-Kodici Kriminali u inoltre fl-istess rinviju ma jigix indikat lanqas l-istess aggravanti mahsub fis-sub-iniciz (1)(c) ghal-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali. Allura jilmenta illi l-Ewwel Qorti ma setatx izzid l-aggravvju mar-reat ta'l-istupru u ukoll lanqas setghet hi tindika illi kienet qed tinstab htija fit-termini ta'l-artikolu 203(1)(c) tal-Kodici Kriminali meta ma kenitx diretta taghmel hekk fir-rinviju ghal gudizzju.

Illi  qabel ma' din il-Qorti tinoltra ruhha fl-aggravvju marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u allura mal-mertu tal-kaz, hija tal-fehma illi ghandu jigi indirizzat dan l-aggravvju imqanqal matul il-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell ta indoli legali, kif imfisser.

Issa huwa minnu illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-20 ta' Mejju 2008, l-Avukat Generali, fit-termini ta'l-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali, baghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati sabiex il-kaz jigi iggudikat mill-Qorti bhala dik issa ta' Gudikatura Kriminali, ghar-reati mahsuba fl-artikoli 198, 86,87,203 u 209 tal-Kodici Kriminali u dan fil-forma kontinwata ta'l-imsemmija reati.

Issa meta *"**ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. ..**[1]"*

Illi bhal kif jaghmel meta jigi biex jirredigi l-att ta'l-akkuza, l-Avukat Generali wara li jifli l-atti tal-kumpilazzjoni irid jara liema huma dawk ir-reati li jistghu jigu imputati lill-persuna akkuzata fejn allura huwa jista' inaqqas reat jew reati minn dawk li kienu qed jigu investigati tul l-atti kumpilatorji. Issa ghalkemm l-Avukat Generali ghar-reat mahsub fl-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali cioe' dak ta'l-istupru, kif ukoll dak mahsub fl-artikolu 203, ma jindikax ic-cirkostanza aggravanti imsemmija ghall-ewwel reat fl-artikolu 202(b) u ghat-tieni reat imfisser fis-sub-inciz (1)(c) ghall-istess artikolu tal-ligi u cioe' l-fatt illi r-reati gew kommessi fuq il-persuna ta' dixxendenti taht l-eta ta' tmintax-il sena, l-Ewwel Qorti ghaddiet biex sabet htija ghal dawn ir-reati bic-cirkostanzi aggravvanti. L-appellanti jilmenta allura illi b'hekk ir-reat gie rez iktar gravi minn dak indikat fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju. Jinsisti inoltre illi din ic-cirkostanza aggravanti kellha tohrog mill-provi ikkumpilati, haga li fil-fehma tieghu ma tirrizultax ippruvata, u gjaldarba l-Avukat Generali ma hassx il-htiega li jindika dan l-aggravvju allura kellu jkun evidenti ghall-Ewwel Qorti illi din il-prova ma saritx.

Illi l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar dak li ghandu ikun fiha l-att ta'l-akkuza meta fis-sub-inciz (b) li jikkontempla l-parti narrattiva ta'l-att ta'l-akkuza hemm dispost illi l-Avukat Generali *"ghandu fisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, **flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena**."*

[1] Il-Pulizija vs Michael Carter – 07/12/2001 App.Krim

Ikompli s-sub-iniz (c) hekk meta jitkellem fuq il-part akkuzatorja ta'l-att ta'l-akkuza meta hemm dispost illi din tikkostitwixxi:

***"ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi (<u>hawn jingħad l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat</u>) jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."***

Mela allura ghalkemm fil-parti narrattiva ta'l-att ta'l-akkuza l-Avukat Generali ghandu jindika c-cirkostanzi kollha ta' fatt li jistghu jkabbru jew inaqqsu l-piena u allura jirrendu ir-reat iktar gravi, madanakollu imbaghad fil-parti akkuzatorja huwa bizzejjed illi jigi indikat l-artikoli tal-ligi li jikkontempla ir-reat. Dan x'aktarx ghaliex huwa rimess ghal gudizzju tal-gurija popolari biex jiddeciedu jekk il-fatti esposti mill-Avukat Generali jirrizultawx ippruvati mill-evidenza li tingieb waqt il-guri, fejn imbaghad il-kwistjoni dwar il-piena li ghandha tigi erogata f'kaz ta' sejbien ta' htija ghal fatti kif decizi mill-gurati tigi, imhollija f'idejn l-Imhallef togat.

Ekwiperata n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ma'l-att ta'l-akkuza allura huwa bil-wisq evidenti illi huwa bizzejjed illi l-Avukat Generali jindika l-artikoli tal-ligi li jikkontempla r-reat u dan kif hemm indikat b'mod specifiku fl-artikolu tal-ligi su-iccitat. Issa huwa minnu illi n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ma fijiex dik il-parti narrattiva bhalma fiha l-att ta'l-akkuza, izda l-indikazzjoni tal-fatti tal-kaz johorgu mill-imputazzjonijiet kif originarjament mfassla kontra l-imputat. Illi fis-sentenza fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Francesco sive Godwin Scerri*" deciza 18 ta' April 2012 minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta gie deciz illi:

*"Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti mill-Avukat Generali, l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda* ***l-fattispecji partikolari*** *tal-kaz."*

Dan ghaliex, kif inghad ghalkemm in-nota ta' rinviju ghal gudizzju hija imqabbla mal-att ta'l-akkuza, madanakollu fiha hija mankanti dik l-parti narrattiva bhalma hemm fl-att ta'l-akkuza li titkellem dwar il-fattispecje tal-kaz li abbazi taghhom huma imsejjsa ir-reati li jigu hemmhekk imputati. Xejn ma kien josta lill-Ewwel Qorti allura stabbilit ir-reat, illi teroga dik il-piena li fil-fehma taghha kienet tapplika ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz kif imfissra fl-imputazzjonijiet. Ghalhekk stabbilit illi l-appellanti kien qed jigi akkuzat bir-reati ta'l-istupru vjolenti u l-korruzzjoni tal-minorenni, kien jispetta lill-Ewwel Qorti sabiex misjuba l-htija ghal dawn ir-reati, meta tigi tqies il-piena li ghandha tigi erogata, tara jekk mill-fattispecje din kellhiex tizdied minhabba xi cirkostanza aggravvanti. Ghal dawn il-motivi ghalhekk dan l-ewwel aggravvju qed jigi michud.

Sorvolat dan l-aggravvju ta' indoli legali l-Qorti sejra tghaddi issa biex tezamina l-lanjanza marbuta mal-apprezzament tal-provi imqanqla mill-appellanti. Issa bhlama kif solitament jigri f'dawn il-kawzai hafna drabi min huwa imsejjah biex jiggudika wara li jinghalaq il-gbir tal-provi jispicca rinfaccjat b'zewg verjonzijiet konfliggenti, u cioe' dik tal-allegata vittma tal-abbuz u l-allegat awtur ta'l-istess, wiehed ighid iswed u l-iehor abjad. F'dan il-kaz l-istess stampa giet ipprezenata quddiem l-Ewwel Qorti fejn allura kien necessarju li isir stharrig dwar il-kredibbilita ta' dawn in-nies involuti direttament fil-vicenda rimessa ghal gudizzju tal-Qorti.

Illi kif kellha okkazzjoni tirribadixxi din il-Qorti diversi drabi, ma hemmx dubbju illi f'dawn it-tip ta' kawzi l-komportament tax-xhud, li fuqu strahet l-Ewwel Qorti fid-decizjoni milhuqa minnha, hu fatt importanti ta' kredibbilita' "***u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi 'great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex 'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.***'[2]"

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] :-

[2] Ibid

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict* (f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[3]"

Issa l-appellanti jilmenta illi ghalkemm l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha tghid illi rat il-komportament tal-minuri u ghalhekk hasset illi kellha taghti affidament, madanakollu x-xhieda tal-minuri ma kenitx instemghet mill-Ewwel Qorti kif ippresjeduta meta inghatat d-decizjoni appellata billi fiz-zmien meta din xehdet il-qorti kienet diversament ippresjeduta minn gudikant iehor. Issa l-Ewwel Qorti tghid hekk fid-decizjoni taghha:

"Illi fil-kaz odjern din il-Qorti wara li semghet, rat u ezaminat bir-reqqa kollha dovuta x-xhieda tal-minuri koncernata fejn setghet tara l-komportament taghha, u wara li rat li x-xhieda tinsab korroborata minn dak li qalet ix-xhud *Omissis*, jidhirliha li m'ghandha l-ebda raguni 'il ghala ghandha tiddubita mill-kredibbilita tal-minuri…"

[3] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

Minn dan l-estratt jidher illi l-Ewwel Qorti sejset il-konsiderazzjonijiet taghha fuq zewg binarji, bl-ewwel wahda tkun dik tal-komportament tal-minuri u l-ohra il-fatt illi x-xhieda taghha kienet ikkorroborata mix-xhieda ta' certu *Omissis*. Illi din il-Qorti ezaminat l-atti tal-akwza mill-gdid u ghalkemm huwa minnu illi meta il-minuri xehdet permezz tal-procedura awdjo-viziva kontemproanja il-Qorti tal-Magistrati kienet diversament ippresjeduta mill-Qorti meta inghatat d-decizjoni, madanakollu fl-atti hemm filmat li jigbed din ix-xhieda u allura l-Ewwel Qorti setghet tisma u tara x-xhieda tal-minuri u tezamina l-komportament taghha. *Di piu* jirrizulta illi l-Ewwel Qorti ezaminat ukoll dak li tghid l-minuri fix-xhieda taghha u l-konvinzjoni taghha illi din kienet qed tghid il-verita' giet imsahha mil-korroborazzjoni maghmula mix-xhieda ta' *Omissis* li kienet xhud tal-abbuz sesswali li kien qed isehh mill-appellanti fuq bintu. Di piu' fil-konsiderazzjonijiet li wasslu ghal dina l-konkluzjoni, jidher illi l-Ewwel Qorti ezaminat dak li stqarr kull xhud, inkluz allura l-verzjoni ta'l-appellanti stess li huma riportati f'dina d-decizjoni. Dawn il-konsiderazzjonijiet huma mifruxa f'mhux anqas minn hames folji tad-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti. Iktar 'il quddiem fid-decizjoni imbaghad meta l-Ewwel Qorti tezamina wiehed wiehed ir-reati imputati lill-appellanti, hija terga taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fuq il-mertu sabiex tasal biex tistabilixxi jekk minn dawn il-fattispecje jikkonkorrux l-elementi kollha li isejjsu kull reat.

Maghdud dan din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn aktar. Dan ghaliex ghalkemm huwa minnu illi mill-kwadru tal-fatti jirrizulta illi il-minuri kienet tfajla kemmxejn fuq ruhha li ma kienet tiddejjaq xejn li tikkonsma volum mhux hazin ta' alkohol, madanakollu dan ma jista' qatt jiggustifika l-agir tal-appellanti, li huwa ragel matur li f'idejh kienet giet fdata ir-responsabbilta li jiehu hsieb lil din il-minuri, li fuq kollox kienet tfajla li kellha xewqa kibra li tiltaqa' mal-persuna li lilha kienet giet indikata li kien missierha naturali u dan bil-ghan li issir tafu ahjar. L-appellanti abbuza minn din id-dghjufija ta' tfajla ta' sittax-il sena li kienet ghaddejja minn problemi fl-addoloxxenza taghha u fittex il-pjacir sesswali minn ghandha minnflok ha hsiebha u waqqafha milli tkompli teghreq f'dawn il-problemi.

Illi l-appellanti ma iressaqx l-icken prova li tista' twassal lil din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha li temmen il-verzjoni tieghu u li allura li tista' b'xi mod tindika illi din il-minuri ghal xi raguni qieghda tigdeb u tivvinta dina l-istorja piuttost ikkulurita. Mhux biss izda jirrizulta mill-atti illi l-uniku xhud li kienet rat dan l-abbuz ippruvat tigi imsikkta mill-appellanti stess meta din regghet ittellghet tixhed fuq talba tad-difiza fejn stqarret illi kienet giet avvicinat mill-appellanti biex tbiddel il-verzjoni taghha. F'din it-tieni deposizzjoni mhux biss izzomm ferm ma' dak li kienet xehdet fl-ewwel deposizzjoni taghha meta tghid li rat lill-appellanti f'rapport intimu ma' bintu, izda ukoll turi lill-Ewwel Qorti li kienet imbezza' milli tammetti li dan kien avvicinaha fil-mori tal-proceduri.

Illi *di piu* hemm korrobrazzjoni anke fid-dettalji zghar tax-xhieda tal-minuri meta din per ezempju tistqarr illi l-bieb tal-*aluminium* ta'l-appartament kellu il-pum minn gewwa maqlugh, fatt li gie ikkonstat mill-pulizija u li hemm xhieda dwaru fl-atti. Hija ikkorroborata meta tiddeskrivi l-incident li sehh gewwa l-Ingilterra mal-habiba taghha bl-isem *Omissis* fejn l-appellanti kellu rapporti intimi anke ma' din it-tfajla tant illi kemm l-appellanti kif ukoll l-minuri spiccaw mhedda mill-genituri taghha u kellhom jirritornaw Malta. Hija ikkoroborata meta tghid li l-appellanti kien jehodha fil-bar ta' huh *Omissis* f'Birzebbugia fejn hija kienet tikkonsma l-akohol fil-presenza tieghu. Jixhed l-appellanti li anke fil-ghodu kienu imorru jixorbu gewwa xi bar il-Fgura. Tixhdu oht l-appellanti stess dan il-fatt meta tistqarr li kienet tara lill-appellanti intossikata u anke taghti kunfidenzi lill-irgiel. Episodji li kollha kienu isehhu fil-presenza ta' missierha li suppost kellu jiehu hsiebha. L-appellanti stess jikkonferma l-episodju meta l-minuri kien dahhlet lil *Omissis* fl-appartament taghhom. Ighid izda li huwa qalilha biex tkeccieha. Dawn il-fatturi zghar abbinati max-xhieda ta' *Omissis* kollha jaghtu piz lil dak li tistqarr il-minuri li tibqa' issostni illi l-atti sesswali saru minghajr il-kunsens taghha fejn kien hemm okkazzjonijiet fejn l-appellanti kien anke juza vjolenza fuqha u isakkarha biex ma tkunx tista' tohrog mid-dar, hlief fil-presenza tieghu.

Illi dawn il-fatturi kollha ghalhekk ma setghux hlief iwasslu lill-Ewwel Qorti ghas-sejbien ta' htija ghar-reati ta' stupru vjolenti u korruzzjoni ta' minorenni fil-konfront ta' minuri li ghalkemm kellha gharfien tal-hajja, kellha id-dritt izda li ma tigix korrotta ulterjorment.

Illi finalment dwar il-lanjanza li fl-atti ma hemm l-ebda prova li tindika illi l-appellanti huwa missier l-minuri u li ghalhekk c-cirkostanza aggravvanti ghar-reati tal-istupru u l-korruzzjoni tal-minuri ma hijiex ippruvata, din il-Qorti ghandha dan xi tghid. Illi huwa minnu illi fl-atti ma hemm l-ebda certifikat tat-twelid li jindika illi l-appellanti huwa missier il-minuri. Hemm provi madanakollu fosthom bix-xhieda kemm ta' omm il-minuri kif ukoll ta'l-appellanti stess li jindikaw illi l-appellanti huwa il-missier naturali ta' din it-tfajla, ghalkemm waqt ix-xhieda tieghu l-appellanti ighid li ma jistax ikun cert. L-appellanti minn naha tieghu lanqas iressaq provi li jistghu iwaqqghu dan l-istat ta' fatt li johrog mill-atti.

Illi anke jekk din il-Qorti kellha temmen illi dan il-fattur ma huwiex ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, madanakollu huwa indubitat illi fil-perijodu taz-zmien illi l-minuri kienet Malta ma' missierha, huwa kien fdat bil-kura u l-kustodja taghha mill-omm fejn l-appellanti sahansitra jimplika illi din kienet ghamlitlu xi karta f'dan is-sens. Kwindi tistkatta c-cirkostanza aggravvanti li titkellem dwarha l-artikolu 203(1)(c) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 202(b) fejn allura fiz-zmien l-abbuz huwa indubitat illi l-appellanti kien il-kustodju ta' din il-minuri.  Ghal dawn il-motivi anke dan l-aggravvju qed jigi michud

Illi l-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi:

"*Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra l-ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti*", regola li ghandha tapplika bl-istess qies ghal Prosekuzzjoni kif ukoll ghad difiza, b'dan ghalhekk illi ghalkemm l-persuna akkuzata ghandha id-dritt ghas-silenzju u mhi obbligata tipprova xejn, madanakollu jekk taghzel li trid taghmel xi prova anke permezz tax-xhieda taghha, allura fil-konfront tal-akkuzat ghandhom japplikaw dawk ir-regoli kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-apprezzament tal-provi. L-akkuzat

allura ghandu jipprova dak allegat minnu sal-grad tal-probabbli u jekk dan il-grad tal-prova ma jilhqux allura jkun qed ixejjen dak minnu allegat. Fil-fatt s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 634 tal-Kodici Kriminali jipprovdi testwalment: "*Id-disposizzjonijiet tal-ligi dwar ix-xhieda jghoddu ghall-imputat jew akkuzat li jaghti x-xiehda tieghu taht gurament*".

Illi mix-xhieda tieghu u mix-xhieda l-ohra li huwa iressaq quddiem il-Qorti dan il-grad ta' prova l-appellanti ma jirnexxielux jilhqu u allura din il-Qorti ma tistax tara l-ebda raguni la legali u lanqas fattwali li jistghu igieghluha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Illi l-istess jista' jinghad fir-rigward tal-*quantum* tal-piena inflitta mill-Ewwel Qorti ta' tmien snin prigunerija. L-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi l-piena kellha tqarreb lejn il-massimu mahsub fil-ligi u dan tenut kont tal-parentela stretta li kienet tezisti bejn l-appellanti u l-minuri u l-hsara ikkagjonata. Illi din il-Qorti ma tarax illi tista' tghid xort'ohra. Mhux biss, izda mill-atti jirrizulta illi l-abbuz kien isehh b'mod kontinwu u li din ma kenitx xi okkazzjoni ta' darba fejn l-appellanti seta' b'xi mod f'mument ta' dghjufija ikkometta zball solitarju. L-appellanti mhux biss kellu rapporti intimi ma'l-appellanti izda naqas li jiehu hsiebha kif kellu id-dmir li jaghmel fejn minflok ipprova imexxieha fit-triq it-tajba kien jehodha fil-bars tisker, u imbaghad fil-mumenti fejn din kienet tkun l-izjed vulnerabbli jabbuza minnha. Illi s-*social enquiry report* li thejja fil-mori ta' dan l-appell ma biddel xejn minn dawn ic-cirkostanzi ta' fatt li allura jistghu iwasslu ghal xi temperament fil-piena. Lanqas it-trapass taz-zmien minn meta sehh ir-reat ma jista' ikun ta' beneficcju ghall-appellanti billi mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-Prosekuzzjoni ghalqet mill-provi fis-sena 2008, l-appellanti dam mhux inqas minn sitt snin biex jikkonkludi l-provi tieghu, fejn f'dan il-perijodu taz-zmien anke avvicina xhud tal-prosekuzzjoni. Ghaldaqstant dan l-aggravvju ukoll qed jigi michud.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(FT)Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur